

(2) *Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha sostnuti quddiem il-Qorti Ġenerali.*

(¹) ĠU C 6, 7.1.2012.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Novembru 2012 —
Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-616/11 P) (¹)

(“Appell — Servizz pubbliku — Uffiċjali — Ċaħda tar-rikors fl-ewwel istanza bħala manifestament nieqes minn kull bażi legali — Dannu allegatament inġarrab mill-appellanti — Rimbors tal-ispejjeż li setgħu ġew evitati — Artikolu 94(a) tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku”)

(2013/C 26/95)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Appellanti: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u C. Berardis-Kayser, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett

Appell mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tat-8 ta' Settembru 2011, Marcuccio vs Il-Kummissjoni (F-69/10, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u intiż għall-annullament ta' dan id-digriet.

Dispożittiv

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Luigi Marcuccio għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk esposti mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' din l-istanza.*

(¹) ĠU C 25, 28.1.2012.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Novembru 2012 —
H-Holding vs Il-Parlament**

(Kawża T-672/11) (¹)

(“Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Rikors għad-danni — Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt”)

(2013/C 26/96)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: H-Holding AG (Cham, l-Isvizzera) (rappreżentant: R. Závodný, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: U. Rösslein u P. Schonard, aġenti)

Suġġett

Talba intiża sabiex jiġi kkonstatat li l-Parlament astjena illegalment milli jressaq proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra r-Repubblika Ċeka u milli jitlob lill-OLAF jiftaħ investigazzjoni li tinvolvi partit politiku Ċek, wara l-petizzjoni tagħha tal-24 ta' Awwissu 2011, u, min-naħa l-oħra, li jinkiseb kumpens għad-dannu subit minħabba dan l-allegat nuqqas li tittieħed azzjoni min-naħa tal-Parlament.

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *H-Holding AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(¹) ĠU C 235, 4.8.2012

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Novembru 2012 —
Shahid Beheshti University vs Il-Kunsill**

(Kawża T-120/12) (¹)

(“Rikors għal annullament — Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra l-Iran bil-għan li tiġi evitata l-proliferazzjoni nukleari — Iffriżar ta' fondi — Terminu għall-preżentata ta' rikors — Tardività — Inammissibbiltà”)

(2013/C 26/97)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Shahid Beheshti University (Teheran, l-Iran) (rappreżentant: J. M. Thouvenin, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Liudvinaviciute-Cordeiro u A Varnav, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/299/PESK, tat-23 ta' Mejju 2011, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 136, p. 65); tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 503/2011, tat-23 ta' Mejju 2011, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 961/2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 136, p. 26); tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/783/PESK, tal-1 ta' Diċembru 2011, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 319, p. 71) u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1245/2011, tal-1 ta' Diċembru 2011, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 961/2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 319, p. 11), kif ukoll d-deċiżjoni li tinsab fl-ittra tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2011, sa fejn dawn l-atti jirrigwardaw lir-rikorrenti, kif ukoll lid-deċiżjoni li tinsab fl-ittra tal-Kunsill indirizzata lir-rikorrenti tal-5 ta' Diċembru 2011.